MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru. 650/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Emanuel Spiteri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Emanuel Spiteri ta’ 22 sena, iben Emanuel u Carmen nee` Coleiro, imwieled il-Pieta` fis-26 ta` Marzu, 1980 u residenti ‘Topaze’, Triq Guze Delia, Balzan u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 201580 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

a) Fil-11 ta` Awwissu, 2002 u fit-12 ta` Awwissu, 2002, f`diversi nhawi ta` Malta u f`Hal Balzan, b`diversi atti

maghmulin minnu, fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, bla ordni skond il-Ligi ta` awtorita` kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra lil Alexia Grima, kontra l-volonta` taghha u ipprovda il-post fejn l-istess Alexia Grima inzammet arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

b) Fl-istess zminijiet, cirkostanzi u postijiet, b`diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti u li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Alexia Grima f`perikolu car, ikkaguna lill-imsemmija Alexia Grima feriti hfief.

c) Fl-istess zminijiet, cirkostanzi u postijiet, b`diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, hedded lill-imsemmija Alexia Grima.

Il-Qorti kienet mitluba illi f`kaz ta` htija, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli, torbot lill-hati b`dawk l-obbligazzjonijiet li l-Qorti jidrilha xierqa u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Alexia Grima u l-familjari taghha.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Awwissu 2002 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment,

Rat li fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2006 xehdet il-parti civili Alexia Grima li ddikjarat li kienet qed tahfer lill-imputat, li kienet qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tieghu u nfurmat lill-Qorti li llum il-gurnata hemm

relazzjoni kordjali bejnha u bejn l-imputat u li huma jifthemu fuq it-tifla.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2002 fejn il-parti civili Alexia Grima irrapurtat lill-Pulizija li hija flimkien ma bintha ta' sentejn u nofs kienet giet sekwestrata mill-partner taghha Emanuel Spiteri, u cioe' l-imputat, u li dan tal-ahhar kien hebb ghaliha u kkagunalha griehi.

Mill-provi rrizulta li Alexia Grima u l-imputat kienu ilhom johorgu ma xulxin u jghixu flimkien ghal erba' snin u mir-relazzjoni taghhom kienet twieldet tifla Shania Grima. Meta kienu jghixu flimkien huma kienu jabitaw fid-dar tal-genituri tal-imputat gewwa Hal-Balzan. Nhar il-Hadd 11 ta' Awwissu, 2002, ghall-habta ta' l-10 :00 ta' filghaxija qam argument bejniethom meta Alexia insistiet li tohrog wara li kienet inhaslet u libset ghaliex l-istess Emanuel kien ftit qabel accetta li johorgu. Min-naha tieghu Emanuel rega' darlu ghaliex 'il ghada kien xoghol filghodu u ghalhekk kellu jqum kmieni. Dak il-hin hu mar jaghlaq il-bieb ta' barra sabiex Alexia ma titlaqx.

Ftehmu pero' li jmorru jixtru xi haga ta' l-ikel u Emanuel saq ghall-*McDonald's drive-in* ta' l-ajruport. Huma u sejrin lura min-nizla vicin ic-cimiterju ta' l-Addolorata, bdew jitlewmu u Alexia ttentat taqbez mill-vettura miexja. Emanuel zammha u waqqaf il-karozza. Sawwatha u meta ppruvat terga' tohrog, dar minn barra u ghalaq il-bieba. Ghal darb' ohra regghet ittentat titlaq u Emanuel ghal darb'ohra hareg mill-karozza u Alexia dahlet fil-karozza u huma saqu 'l hemm. Marru d-dar ta' ommu gewwa Hal-Balzan fejn mill-gdid Alexia kienet ser titlaq tigri. Emanuel mar jigri warajha, qabadha u dahhalha gewwa. Ghalaq u sakkar il-bieb ta' barra u marru jorqdu. Huma raqdu fi kmamar separati u l-ghada filghodu meta l-imputat hareg ghax-xoghol Alexia Grima telqet mid-dar tal-genituri tal-imputat wara li tkellmet ma ommu u mbaghad marret id-

dar tal-genituri taghha u sussegwentement marret l-Ghassa fejn intavolat ir-rapport li mbaghad ta' lok ghall-proceduri odjerni.

Il-parti civili Alexia Grima xehdet darbtejn f'dawn il-proceduri, l-ewwel darba fl-udjenza tal-4 ta' April 2003 (xhieda inserita a fol. 32 sa 34 tal-process) fejn hija qalet li fil-gurnata qabel li kienet ghamlet ir-rapport lill-Pulizija hija kienet qed tlesti sabiex tohrog fid-dar tal-genituri tal-imputat meta l-imputat li qabel kien ftiehem maghha li kienu ser johorgu flimkien, qalilha li kien tard wisq sabiex johorgu u ghalhekk hija talbitu jwassalha d-dar ta' ommha il-Hamrun izda huwa rrifjuta u beda jghajjat, jgholli lehnu u jghidilha sabiex torqod ghand ommu u mbaghad tmur ghand ommha l-ghada. Hija qalet li wara ftit tal-hin l-imputat accetta li johorgu sabiex jixtru xi haga tal-ikel ghat-tifla mid-drive in li hemm Hal-Luqa u flimkien mat-tifla u bil-vettura tal-imputat huma marru fl-imsemmi Drive in. Alexia Grima xehdet li huma u gejjin lura hija pruvat u fil-fatt irnexxielha tohrog mill-vettura tal-impuat izda dan tal-ahhar waqqaf il-vettura, gera warajha, qabadha, refa' jdejgh fuqha u mbaghad regghu dahlu fil-vettura. Dejjem skond Alexia Grima, hija dak il-hin cemplet lil missierha minn fuq il-mobile phone taghha u qaltlu sabiex jibqa' jistenniha.  Alexia Grima kompliet tghid li meta marru d-dar ta' omm l-imputat hija qaltlu sabiex imur iwassalha d-dar ta' ommha izda huwa qalilha sabiex tibqa' hemm ghal-lejl u hija tghid li cediet u baqghet hemm. Meta qamet filghodu kellmet lill-omm l-imputat u spjegatilha x'kien gara u mbaghad marret ghand ommha flimkien mat-tifla.  Dwar l-incident meta hija ma setghatx tohrog mill-vettura tal-imputat Alexia Grima specifikat li ghall-ewwel hija ma setghatx tohrog mill-vettura tal-imputat peress li din kienet imsakkra bic-central lock izda mbaghad irnexxielha tohrog.  Hija tghid li ma setghatx tohrog mid-dar tal-genituri tal-imputat ghaliex il-bieb kien imsakkar izda ziedet tghid li il-familja tal-imputat dejjem kienu jsakkru l-bieb ta' barra filghaxija.

Meta Alexia Grima xehdet fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2006 dwar l-incident li sehh fil-karozza vicin ic-Cimiterju tal-Addolorata hija tghid li l-imputat kien qed jghajjat li ser

imorru d-dar u hija ma felhitx aktar, kellha rabja kbira fiha u riedet twegga' lilha nnifisha u ghalhekk f'hin minnhom qabzet il-barra mill-vettura u f'dan l-istadju gie jzommha l-imputat. Hija tispjega li huwa ghamel hekk ghaliex haseb li kienet ser twegga. Hija spjegat ukoll li dakinhar tal-incident hija kellha cavetta tad-dar tal-genituri tal-imputat izda bil-fixkla kienet halliet ic-cavetta fil-baskett taghha liema baskett kien fil-vettura tal-imputat. Hija spjegat izda li l-imputat ma kienx jaf li hija kienet halliet ic-cavetta fil-baskett fil-vettura tieghu.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda kien xehed quddiem l-espert nominata mill-Magistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 31 tal-process) fejn huwa kien qal li ;

- Ghalaq il-bieb ta' barra tad-dar tieghu sabiex ma tohrogx meta kienu bdew jitlewwmu ghall-habta ta' l-10.00 ta' bil-lejl il-Hadd 11 ta' Awwissu, 2002 ;

- Taha daqtejn meta waqqaf il-vettura tieghu hdejn in-nizla tac-cimiterju ta' l-Addolorata ;

- Zammha fil-vettura fl-istess hin sabiex ma tohrogx, u meta ttentat tohrog f' zewg okkazzjonijiet hu dar minn barra, dahhalha fil-vettura u ghalaq il-bieba ;

- Mar ghaliha u dahhalha d-dar tieghu f' Hal-Balzan, meta telqet tigri fit-triq ;

- Ghalaq u sakkar il-bieb ta' barra warajhom meta dahlu gewwa.

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bl-arrest illegali jew sekwestru ta' Alexia Grima u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.** L-elementi ta' dan ir-reat huma tnejn, (1) li min jeffetwa l-arrest ma jkollux ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u (2) li jkun hemm sekwestru li jsir kontra l-

volonta’ tal-persuna sekwestrata. L-elementi tas-sekwestru jinkludi it-tehid jew trasport ta’ persuna minn persuna ohra. Hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta’ persuna ghal moviment liberu taghha u l-kelma sekwestru fl-Artikolu 86 ghandha tinftiehem fil-kuntest li jkun hemm sekwestru meta bniedem jigi privat mid-dritt tal-moviment liberu. F’dan ir-rigward **Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa identiku ghall-Artikolu 86 misjub fil-Kap. 9 taghna a fol. 112 para’ 78 Vol. 11 billi jghid is-segwenti:-

Il sequestro richiede che la privazione della liberta’ sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilta’ di scampo o di soccorso”.

Fil-fehma tal-Qorti f’dan il-kaz ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex jissussisti r-reat ta’ arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 u dan ghaliex Alexia Grima stess xehdet li hija irnexxielha tohrog mill-vettura tal-imputat u tispjega li hija riedet tohrog ghaliex xtaqet twegga lilha nnifisha u l-imputat zamma ghaliex haseb li kienet ser twegga. Dwar dak li gara wara  u cioe’ meta Alexia Grima u l-imputat irritornaw id-dar tal-genituri tieghu, l-Qorti ma jidrilhiex li jista’ jitqies li Alexia Grima giet issekwestrata fil-parametri ta’ dak kontemplat fl-Artikolu 86 u cioe’ li hija ma kellha ebda ‘mezzo di scampo o di soccorso’. Mix-xhieda ta’ Alexia Grima stess fil-fatt jirrizulta li l-genituri tal-imputat kienu dejjem isakkru il-bieb ta’ barra filghaxija, irrizulta wkoll li hija kellha cavetta tal-bieb ta’ barra u li l-imputat ma kienx jaf li hija kienet halliet ic-cavetta fil-handbag fil-vettura tieghu u ghalhekk huwa ma kienx jaf li c-cavetta ma kienitx fil-pussess taghha meta huma dahlu id-dar tal-genituri tieghu. Mill-provi rrizulta inoltre li l-imputat u Alexia Grima fil-lejl in kwistjoni raqdu fi kmamar separati u li fid-dar kien hemm ukol il-genituri tal-imputat. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li Alexia Grima setghat telqet mid-dar tal-imputat kieku verament riedet taghmel hekk u ghalkemm huwa minnu li kien hemm insistenza da parti tal-imputat sabiex hija tqatta’ il-lejl fid-dar tal-genituri tieghu hija stess tammetti li kienet hija li cediet u accettat li torqod hemm.

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat il-Qorti tibda sabiex tghid li d-dicitura tal-istess akkuza hija wahda kemmxejn infelici u l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li mhux ghal kollox car jekk il-Prosekuzzjoni hijiex qed takkuza lill-imputat bir-reat ta' attentat ta' omicidju volontarju jew altrimenti bir-reat li huwa kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alexia Grima. Dwar l-attenat ta' omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Alexia Grima jista' jinghad minghajr ombra ta dubju li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li pruvat li f'xi hin l-imputat kellu l-intenzjoni li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Alexia Grima fil-perikolu u li din il-haga ma sehhitx minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta' tieghu. Kull ma rnexxielha tipporva l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huwa li l-imputat ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alexia Grima waqt id-dizgwid li kellhom bejniethom fil-lejl bejn il-11 u 12 ta' Awwissu 2002 izda kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza Alexia Grima irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza li l-imputat ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta Alexia Grima. Minhabba d-dicitura infelici tat-tieni akkuza fejn ma jirrizultax car jekk il-Prosekuzzjoni hux qed takkuza lill-imputat b'attentat ta' omicidju volontarju jew altrimenti bir-reat li huwa kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alexia Grima il-Qorti qed tiddikjara li qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u ghalhekk mhux qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza stante r-rinunzja da parti tal-parti civili.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------